**ANNESS I**

**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Spironolactone Ceva 10 mg pilloli għal klieb
Spironolactone Ceva 40 mg pilloli għal klieb
Spironolactone Ceva 80 mg pilloli għal klieb

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

**Sustanza attiva:**

Spironolactone Ceva 10 mg fih 10 mg spironolakton
Spironolactone Ceva 40 mg fih 40 mg spironolakton
Spironolactone Ceva 80 mg fih 80 mg spironolakton

Għal-lista sħiħa tas-sustanzi (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pillola.

Spironolactone Ceva 10 mg: Pillola ovali kannellamxaqqa fi tnejn twila 10 mm
Spironolactone Ceva 40 mg: Pillola ovali kannella, mxaqqa fi tnejn twila 17 mm
Spironolactone Ceva 80 mg: Pillola ovali kannella mxaqqa f'erbgħa twila 20 mm.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Klieb.

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Għal użu f'kombinazzjoni ma' terapija standard, (li jinkludi appoġġ dijuretiku, meta meħtieġ) għat-trattament ta' falliment tal-qalb konġestiv ikkaġunat minn rigurġitazzjoni valvulari fil-klieb.

### 4.3 Kontra indikazzjonijiet

Tużax fi klieb li jsofru minn ipoadrenokortiċiżmu, iperkalemija jew iponatremija.
Tużax flimkien ma' Mediċini Antinfjammatorji Mhux Sterojdi (NSAIDs) fuq klieb b'insuffiċjenza renali (indeboliment/funzjoni ħażin tal-kliewi).
Tużax waqt it-tqala jew treddigħ.
Tużax f'annimali li jintużaw għal, jew huma intenzjonati biex jintużaw għat-trobbija

### 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Xejn

### 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

**Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**

Il-funzjoni tal-kliewi u l-livelli ta' potassjum fis-sirum għandhom ikunu evalwati qabel jinbeda trattament ikkombinat bi spironolakton u impedituri tal-Enzima li Tikkonverti Angiotensin (ACE).

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Inċidenza akbar ta' iperkalemija ma kinitx osservata fi provi kliniċi magħmulin fuq klieb b'din il-kombinazzjoni, mhux bħal fil-bnedmin. Madankollu, fil-klieb b'indeboliment fil-kliewi monitoraġġ regolari fuq il-funzjoni tal-kliewi u l-livelli ta' potassju fis-serum huwa rakkomandat peress li jista' jkun hemm riskju ogħla ta' iperkalemija.

Klieb ittrattati bi Spironolakton u NSAIDS flimkien għandhom jiġu idratati korrettament. Sorveljanza tal-funzjoni renali tagħhom u l-livelli tal-potassjum fil-plażma hija rakkomandata qabel il-bidu u waqt it-trattament b'terapija kkombinata (ara sezzjoni 4.3).

Peress li spironolakton għandu effett anti-androġeniku, mhuwiex rakkomandat li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-klieb li jkunu għadhom qed jikbru.

Peress li spironolakton ikollu bijotrasformazzjoni epatika estensiva (fwied), attenzjoni għandha tingħata meta l-prodott mediċinali veterinarju jintuża fi klieb bi problemi tal-fwied.

**Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**

Jista' jikkaġuna sensibilità fil-ġilda: persuni li huma magħrufin li huma allerġiċi għal spirolactone m'għandhomx jmissu dan il-prodott.
Aħsel idejk sew wara l-użu.
F'każ ta' inġestjoni aċċidentali, fittex parir mediku minnufih u urih il-fuljett tal-pakkett jew it-tikketta lit-tabib.

## 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Atrofija prostatika riversibbli ta' spiss tiġi osservata fi klieb irġiel sħaħ.

## 4.7 Użu fit-tqala, fi żmien il-ħalib u meta jbidu l-bajd

Tużax meta l-annimali jkunu tqal jew waqt it-treddiegħ. Studji fil-laboratorju fi speċijiet (far, ġurdien, fenek u xadina) urew evidenza ta' żvilupp ta' tossiċità.

## 4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra

Furosemide u pimobenden intużaw flimkien bi Spironolactone Ceva fi klieb b'falliment kardijaku mingħajr evidenza klinka ta' reazzjonijiet avversi.

Spironolakton inaqqas l-eliminazzjoni ta' digoxin u b'hekk jgħolli l-konċentrazzjoni tad-digoxin fil-plażma. Peress li l-indiċi terapewtiku għad-digoxin huwa dejjaq ħafna, huwa rakkomandat li tissorvelja mill-qrib klieb li qed jingħataw kemm digoxin u kemm spironolakton.

L-amministrazzjoni jew ta' deoxycorticosterone jew ta' NSAIDs ma' spironolakton tista' twassal għal tnaqqis moderat fl-effetti natrijuretiċi (tnaqqis ta' l-eliminazzjoni tas-sodjum fl-awrina) ta' spironolactone.

Amministrazzjoni konkomitanti ta' spironolakton ma' impedituri-ACE u mediċini li ma jaħlux il-potassium (bħal imblokkaturi tar-riċetturi ta' anġjotensin, imblokkaturi-ß, imblokkaturi tal-kanali tal-kalċjum, ecc.) jistgħu potenzjalment iwasslu għal iperkalemija (ara sezzjoni 4.5).

Spironolakton jista' jikkaġuna kemm induzzjoni kif ukollimpediment ta' l-enżimi ċitokromi P450 u għaldaqstant jista' jaffettwa l-metaboliżmu ta' mediċini oħra li jutilizzaw dawn il-mogħdijet metaboliċi.

## 4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Jittieħed mill-ħalq.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Agħti 2 mg/kg ta' piż korporali ta' spironolakton darba kuljum. Il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi mogħti ma' l-ikel. Il-pillola tista' jew titħallat b'ammont żgħir ta' ikel qabel l-ikla prinċipali jew tingħata direttament ġol-ħalq wara l-ikel. Il-pilloli fihom it-togħma taċ-ċanga sabiex jitjieb il-palat taghom, u fi studju li sar fuq klieb b'saħħithom intwera li kienu konsumati b'mod volontarju u sħiħ f'75% tal-ħin.

| | Numru ta' pilloli | | |
|---|---|---|---|
| **PIŻ TAL-ĠISEM** | **Spironolactone Ceva 10 mg** | **Spironolactone Ceva 40 mg** | **Spironolactone Ceva 80 mg** |
| **1 sa 2.5 kg** | ½ | | |
| **2.5 sa 5 kg** | 1 | | |
| **5 sa 10 kg** | 2 | | |
| **10 sa 15 kg** | 3 | | |
| **15 sa 20 kg** | | 1 | |
| **20 sa 30 kg** | | 1 + ½ | |
| **30 sa 40 kg** | | | 1 |
| **40 sa 50 kg** | | | 1 + ¼ |
| **50 sa 60 kg** | | | 1 + ½ |

**4.10 Doża Eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk neċessarji**

Wara l-għoti sa 10 darbiet tad-doża rakkomandata (20 mg/kg) lil klieb f'saħħithom, effetti avversi dipendenti fuq id-doża kienu nnotati, ara sezzjoni 4.6.

F'każ ta' inġestjoni aċċidentali massiva minn kelb, ma hemm l-ebda antidotu jew trattament speċifiku. Għaldaqstant huwa rakkomandat li tinduċi r-remettar, il-ħasil tal-istonku (jiddependi fuq l-istima tar-riskju) u sorveljanza tal-elettroliti. Trattament simptomatiku, eż. terapija bil-fluwidi, għandu jkun ipprovdut.

**4.11 Perjodu ta' Tiżmim**

Mhux applikabbli.

**5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI**

Grupp Farmako-terapewtiku: antagonista ta' aldosterone.
Kodiċi ATĊ veterinarja: QC03DA01.

**5.1 Kwalitajiet Farmakodinamiċi**

Spironolakton u l-metaboliti attivi tiegħu (li jinkludu 7α-thiomethyl-Spironolakton u canrenone) jaħdmu bħala antagonisti speċifiċi ta' aldosterone u jeżerċitaw l-effetti tagħhom billi jorbtu kompetitivament mar-riċettur tal-mineralokortikojde li huwa lokalizzat fil-kliewi, il-qalb jew il-vażi tad-demm.
Spironolakton huwa mediċina natrijuretika (storikament deskritt bħala dijuretiku artab). Fil-kilwa Spironolakton jimpedixxi ż-żamma tas-sodjum indott minn aldosterone li jwassal għall-eliminazzjoni tas-sodjum u sussegwentement ta' l-ilma, u żamma ta' potassjum.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

L-effetti renali ta' Spironolakton u l-metaboliti tiegħu jwasslu għal tnaqqis fil-volum ta' barra ċ-ċelloli u konsegwentement fi tnaqqis tat-tagħbija kardijaka ta' qabel u pressjoni fl-atriju tax-xellug. Ir-riżultat huwa titjib fil-funzjoni tal-qalb.

Fis-sistema kardjovaskulari, Spironolakton jimpedixxi l-effetti detrimentali ta' aldosterone. Għalkemm il-mekkaniżmu ta' azzjoni preċiż s'issa mhuwiex mfisser b'mod ċar, aldosterone jippromwovi l-fibrożi mijokardijali, mudellar mijokardijali u vaskulari mill-ġdid u l-funzjoni ħażina ta' l-endotilju. F'mudelli sperimentali fil-klieb, kien muri li terapija fuq tul ta' żmien ma' antagonist ta' aldosterone jimpedixxi l-funzjoni ħażina progressiva tal-ventrikolu tax-xellug u jimmodera l-immudellar mill-ġdid tal-ventrikolu tax-xellug fi klieb b'falliment kroniku tal-qalb.

F'studju kliniku li investiga ż-żmien tas-sopravivenza fil-klieb b'insuffiċjenza konġestiva tal-qalb, kien hemm 65% tnaqqis fir-riskju relattiv ta' mortalità ta' 15-il xahar fi klieb ikkurati b'spironolactone ikkumbinat ma' terapija stàndard meta mqabbla ma terapija standard waħidha. (Il-mortalità kienet ikklasifikata bħala mewt jew ewtanasja minħabba falliment fil-qalb).

Meta intuża f'kombinazzjoni ma' impedituri-ACE, Spironolakton jista' jikkuntrarja l-effetti ta' "ħarba ta' aldosterone".

Żieda żgħira fil-livelli ta' aldosterone fid-demm jistgħu jkunu osservati f'annimali fuq trattament. Jista' jkun hemm ipertrofija taż-żona glomeruloża adrenali relatata mad-doża. Din hija maħsuba li hija minħabba l-attivazzjoni ta' mekkaniżmi ta' feedback mingħajr konsegwenzi klinċi avversi. Jista' jkun hemm ipertrofija relatata mad-doża taż-żona glomerulosa adrenali f'rati ta' dożi għoljin.

## 5.2 Tagħrif Farmakokinetiċi

Il-farmakokinetiċi ta' Spironolakton huma bażżati fuq il-metaboliti tiegħu, peress li l-kompost ġenitur mhuwiex stabbli fl-assaġġ.

Assorbiment
Wara l-għoti ta' Spironolakton mill-ħalq lil klieb, kien muri li t-tliet metaboliti kisbu livelli minn 32 sa 49% tad-doża amministrata. L-ikel iżid il-bijodisponibiltà minn 80 % sa 90%. Wara t-teħid mill-ħalq ta' 2 sa 4 mg/kg, l-assorbiment jiżdied b'mod lineari fuq il-medda. Wara dożi orali multipli ta' 2 mg spironolakton/ kg, għal 10 ijiem konsekuttivi, ma kienet osservata l-ebda akkumulazzjoni. $C_{max}$ medju ta' 382 µg/l u 94 µg/l jinkisbu għal metaboliti primarji, 7α-thiomethyl-Spironolakton u canrenone, wara 2 u 4 sigħat, rispettivament. Kundizzjonijiet ta' stat fiss huma miksuba sa jum 2.

Distribuzzjoni
Il-volumi medji ta' distribuzzjoni (Vss) ta' 7α-thiomethyl-Spironolakton u canrenone huma madwar 153 litri u 177 litri rispettivament.
Il-ħin ta' residenza medju tal-metaboliti jvarja minn 9 sa 14-il siegħa u huma preferenzjalment distribwiti lejn il-passaġġ gastrointestinali, kliewi, fwied u glandoli adrenali.

Metaboliżmu
Spironolakton huwa metabolizzat malajr u kompletament mill-fwied għal metaboliti attivi tiegħu, 7α-thiomethyl-Spironolakton u canrenone, li huma l-metaboliti primarji fil-kelb.

Eliminazzjoni
Spironolakton huwa prinċipalment eliminat permezz tal-metaboliti tiegħu. Ir-rata ta' eliminazzjoni mill-plażma ta' canrenone hija ta' 1.45±0.39 l/h/kg u ta' 7α-thiomethyl-Spironolakton hija ta' 0.89±0.44 l/h/kg. Wara l-għoti mill-ħalq ta' Spironolakton radjotikketat lill-kelb, 70 % tad-doża kienet rikoverata mill-ippurgar u 20 % mill-awrina.

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' sustanzi

Lactose monohydrate
Cellulose, microcrystalline
Crospovidone
Povidone K30
Artificial beef flavour
Compressible sugar
Magnesium stearate

### 6.2 Inkompatibilitajiet

Mhux Applikabbli.

### 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista' jinżamm fuq l-ixkaffa ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin.
Użа fi żmien xahrejn minn meta jinfetaħ l-ewwel darba l-flixkun.

### 6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandux bżonn ta' xi bdał kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen.
Pilloli parzjalment użati għandhom jinżammu fil-flixkun oriġinali.

### 6.5 In-natura u l-għamla ta' l-ewwel ippakkjar

Flixkun HDPE abjad, li fih 30 pillola b'għatu tal-kamin abjad tal-polypropylene reżiżtenti għat-tbagħbis mit-tfal u b'dessikant fih, ippakkjat ġo kaxxa tal-kartun.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu jegħdin fis-suq.

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

## 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Ceva Santé Animale
10, av. de La Ballastière
33500 Libourne
Franza

## 8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/07/074/007-009

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TA' L-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 20 ta' Ġunju 2007
Data tal-aħħar tiġdid: 22 ta 'Mejju 2012

## 10 DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediku veterinarju tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) http://www.ema.europa.eu/.

## PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU

Mhux Applikabbli.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Spironolactone Ceva 10 mg pilloli għal klieb
Spironolactone Ceva 40 mg pilloli għal klieb
Spironolactone Ceva 80 mg pilloli għal klieb

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

**Sustanza attiva:**

Spironolactone Ceva 10 mg fih 10 mg spironolakton
Spironolactone Ceva 40 mg fih 40 mg spironolakton
Spironolactone Ceva 80 mg fih 80 mg spironolakton

Għal-lista sħiħa tas-sustanzi (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pillola.

Spironolactone Ceva 10 mg: Pillola ovali bajda bi ftit tbajja' kannella, mxaqqa fi tnejn twila 10 mm
Spironolactone Ceva 40 mg: Pillola ovali bajda bi ftit tbajja' kannella, mxaqqa f'erbgħa twila 17 mm bi tliet linji paralleli ta' ksur
Spironolactone Ceva 80 mg: Pillola ovali bajda bi ftit tbajja' kannella, mxaqqa f'erbgħa twila 20 mm.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Klieb.

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Għal użu f'kombinazzjoni ma' terapija standard, (li jinkludi appoġġ dijuretiku, meta meħtieġ) għat-trattament ta' falliment tal-qalb konġestiv ikkaġunat minn rigurġitazzjoni valvulari fil-klieb.

### 4.3 Kontra indikazzjonijiet

Tużax fi klieb li jsofru minn ipoadrenokortiċiżmu, iperkalemija jew iponatremija.
Tużax flimkien ma' Mediċini Antinfjammatorji Mhux Sterojdi (NSAIDs) fuq klieb b'insuffiċjenza renali (indeboliment/funzjoni ħażin tal-kliewi).
Tużax waqt it-tqala jew treddigħ.
Tużax f'annimali li jintużaw għal, jew huma intenzjonati biex jintużaw għat-trobbija

### 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Xejn

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

**Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**

Il-funzjoni tal-kliewi u l-livelli ta' potassjum fis-sirum għandhom ikunu evalwati qabel jinbeda trattament ikkombinat bi spironolakton u impedituri tal-Enzima li Tikkonverti Angiotensin (ACE). Inċidenza akbar ta' iperkalemija ma kinitx osservata fi provi kliniċi magħmulin fuq klieb b'din il-kombinazzjoni, mhux bħal fil-bnedmin. Madankollu, fil-klieb b'indeboliment fil-kliewi monitoraġġ regolari fuq il-funzjoni tal-kliewi u l-livelli ta' potassju fis-serum huwa rakkomandat peress li jista' jkun hemm riskju ogħla ta' iperkalemija.

Klieb ittrattati bi Spironolakton u NSAIDS flimkien għandhom jiġu idratati korrettament. Sorveljanza tal-funzjoni renali tagħhom u l-livelli tal-potassjum fil-plażma hija rakkomandata qabel il-bidu u waqt it-trattament b'terapija kkombinata (ara sezzjoni 4.3).

Peress li spironolakton għandu effett anti-androġeniku, mhuwiex rakkomandat li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-klieb li jkunu għadhom qed jikbru.

Peress li spironolakton ikollu bijotrasformazzjoni epatika estensiva (fwied), attenzjoni għandha tingħata meta l-prodott mediċinali veterinarju jintuża fi klieb bi problemi tal-fwied

**Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**

Jista' jikkaġuna sensibilità fil-ġilda: persuni li huma magħrufin li huma allerġiċi għal spirolactone m'għandhomx jmissu dan il-prodott.
Aħsel idejk sew wara l-użu.
F'każ ta' inġestjoni aċċidentali, fittex parir mediku minnufih u uri l-fuljett tal-pakkett jew it-tikketta lit-tabib.

## 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Atrofija prostatika riversibbli ta' spiss tiġi osservata fi klieb irġiel sħaħ.

## 4.6 Użu fit-tqala, fi żmien il-ħalib u meta jbidu l-bajd

Tużax meta l-annimali jkunu tqal jew waqt it-treddiegħ. Studji fil-laboratorju fi speċijiet (far, ġurdien, fenek u xadina) urew evidenza ta' żvilupp ta' tossiċità.

## 4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra

Furosemide u pimobenden intużaw flimkien bi Spironolactone Ceva fi klieb b'falliment kardijaku mingħajr evidenza klinka ta' reazzjonijiet avversi.

Spironolakton inaqqas l-eliminazzjoni ta' digoxin u b'hekk jgħolli l-konċentrazzjoni tad-digoxin fil-plażma. Peress li l-indiċi terapewtiku għad-digoxin huwa dejjaq ħafna, huwa rakkomandat li tissorvelja mill-qrib klieb li qed jingħataw kemm digoxin u kemm spironolakton.

L-amministrazzjoni jew ta' deoxycorticosterone jew ta' NSAIDs ma' spironolakton tista' twassal għal tnaqqis moderat fl-effetti natrijuretiċi (tnaqqis ta' l-eliminazzjoni tas-sodjum fl-awrina) ta' spironolactone.

Amministrazzjoni konkomitanti ta' spironolakton ma' impedituri-ACE u mediċini li ma jaħlux il-potassjum (bħal imblokkaturi tar-riċetturi ta' anġjotensin, imblokkaturi-ß, imblokkaturi tal-kanali tal-kalċjum, eċċ.) jistgħu potenzjalment iwasslu għal iperkalemija (ara sezzjoni 4.5).

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Spironolakton jista' jikkaġuna kemm induzzjoni kif ukollimpediment ta' l-enżimi ċitokromi P450 u għaldaqstant jista' jaffettwa l-metaboliżmu ta' mediċini oħra li jutilizzaw dawn il-mogħdijet metaboliċi.

### 4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Jittieħed mill-ħalq.

Agħti 2 mg/kg ta' piż korporali ta' spironolakton darba kuljum. Il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi mogħti ma' l-ikel. Il-pillola tista' jew titħallat b'ammont żgħir ta' ikel qabel l-ikla prinċipali jew tingħata direttament ġol-ħalq wara l-ikel.

| | Numru ta' pilloli | | |
|---|---|---|---|
| PIŻ TAL-ĠISEM | Spironolactone Ceva 10 mg | Spironolactone Ceva 40 mg | Spironolactone Ceva 80 mg |
| 1 sa 2.5 kg | ½ | | |
| 2.5 sa 5 kg | 1 | | |
| 5 sa 10 kg | 2 | | |
| 10 sa 15 kg | 3 | | |
| 15 sa 20 kg | | 1 | |
| 20 sa 30 kg | | 1 + ½ | |
| 30 sa 40 kg | | | 1 |
| 40 sa 50 kg | | | 1 + ¼ |
| 50 sa 60 kg | | | 1 + ½ |

### 4.10 Doża Eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk neċessarji

Wara l-għoti sa 10 darbiet tad-doża rakkomandata (20 mg/kg) lil klieb f'saħħithom, effetti avversi dipendenti fuq id-doża kienu nnotati, ara sezzjoni 4.6.

F'każ ta' inġestjoni aċċidentali massiva minn kelb, ma hemm l-ebda antidotu jew trattament speċifiku. Għaldaqstant huwa rakkomandat li tinduċi r-remettar, il-ħasil tal-istonku (jiddependi fuq l-istima tar-riskju) u sorveljanza tal-elettroliti. Trattament simptomatiku, eż. terapija bil-fluwidi, għandu jkun ipprovdut.

### 4.11 Perjodu ta' Tiżmim

Mhux applikabbli.

## 5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp Farmako-terapewtiku: antagonista ta' aldosterone.
Kodiċi ATĊ veterinarja: QC03DA01.

### 5.1 Kwalitajiet Farmakodinamiċi

Spironolakton u l-metaboliti attivi tiegħu (li jinkludu 7α-thiomethyl-Spironolakton u canrenone) jaħdmu bħala antagonisti speċifiċi ta' aldosterone u jeżerċitaw l-effetti tagħhom billi jorbtu

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

kompetitivament mar-riċettur tal-mineralokortikojde li huwa lokalizzat fil-kliewi, il-qalb jew il-vażi tad-demm.
Spironolakton huwa mediċina natrijuretika (storikament deskritt bħala dijuretiku artab). Fil-kilwa Spironolakton jimpedixxi ż-żamma tas-sodjum indott minn aldosterone li jwassal għall-eliminazzjoni tas-sodjum u sussegwentement ta' l-ilma, u żamma ta' potassjum.

L-effetti renali ta' Spironolakton u l-metaboliti tiegħu jwasslu għal tnaqqis fil-volum ta' barra ċ-ċelloli u konsegwentement fi tnaqqis tat-tagħbija kardijaka ta' qabel u pressjoni fl-atriju tax-xellug. Ir-riżultat huwa titjib fil-funzjoni tal-qalb.

Fis-sistema kardjovaskulari, Spironolakton jimpedixxi l-effetti detrimentali ta' aldosterone. Għalkemm il-mekkaniżmu ta' azzjoni preċiż s'issa mhuwiex mfisser b'mod ċar, aldosterone jippromwovi l-fibrożi mijokardijali, mudellar mijokardijali u vaskulari mill-ġdid u l-funzjoni ħażina ta' l-endotelju.
F'mudelli sperimentali fil-klieb, kien muri li terapija fuq tul ta' żmien ma' antagonist ta' aldosterone jimpedixxi l-funzjoni ħażina progressiva tal-ventrikolu tax-xellug u jimmodera l-immudellar mill-ġdid tal-ventrikolu tax-xellug fi klieb b'falliment kroniku tal-qalb.

Fi studju kliniku li investiga ż-żmien tas-sopravivenza fil-klieb b'insuffiċjenza konġestiva tal-qalb, kien hemm 65% tnaqqis fir-riskju relattiv ta' mortalità ta' 15-il xahar fi klieb ikkurati b'spironolactone ikkumbinat ma' terapija stàndard meta mqabbla ma terapija standard waħidha. (Il-mortalità kienet ikklasifikata bħala mewt jew ewtanasja minħabba falliment fil-qalb).

Meta intuża f'kombinazzjoni ma' impedituri-ACE, Spironolakton jista' jikkuntrarja l-effetti ta' "ħarba ta' aldosterone".

Żieda żgħira fil-livelli ta' aldosterone fid-demm jistgħu jkunu osservati f'annimali fuq trattament. Jista' jkun hemm ipertrofija taż-żona glomeruloża adrenali relatata mad-doża. Din hija maħsuba li hija minħabba l-attivazzjoni ta' mekkaniżmi ta' feedback mingħajr konsegwenzi klinċi avversi. Jista' jkun hemm ipertrofija relatata mad-doża taż-żona glomerulosa adrenali f'rati ta' dożi għoljin.

## 5.2 Tagħrif Farmakokinetiċi

Il-farmakokinetiċi ta' Spironolakton huma bażżati fuq il-metaboliti tiegħu, peress li l-kompost ġenitur mhuwiex stabbli fl-assaġġ.

Assorbiment
Wara l-għoti ta' Spironolakton mill-ħalq lil klieb, kien muri li t-tliet metaboliti kisbu livelli minn 32 sa 49% tad-doża amministrata. L-ikel iżid il-bijodisponibiltà minn 80 % sa 90%. Wara t-teħid mill-ħalq ta' 2 sa 4 mg/kg, l-assorbiment jiżdied b'mod lineari fuq il-medda. Wara dożi orali multipli ta' 2 mg spironolakton/ kg, għal 10 ijiem konsekuttivi, ma kienet osservata l-ebda akkumulazzjoni. $C_{max}$ medju ta' 382 µg/l u 94 µg/l jinkisbu għal metaboliti primarji, 7α-thiomethyl-Spironolakton u canrenone, wara 2 u 4 sigħat, rispettivament. Kundizzjonijiet ta' stat fiss huma miksuba sa jum 2.

Distribuzzjoni
Il-volumi medji ta' distribuzzjoni (Vss) ta' 7α-thiomethyl-Spironolakton u canrenone huma madwar 153 litri u 177 litri rispettivament.
Il-ħin ta' residenza medju tal-metaboliti jvarja minn 9 sa 14-il siegħa u huma preferenzjalment distribwiti lejn il-passaġġ gastrointestinali, kliewi, fwied u glandoli adrenali.

Metaboliżmu
Spironolakton huwa metabolizzat malajr u kompletament mill-fwied għal metaboliti attivi tiegħu, 7α-thiomethyl-Spironolakton u canrenone, li huma l-metaboliti primarji fil-kelb.

Eliminazzjoni
Spironolakton huwa prinċipalment eliminat permezz tal-metaboliti tiegħu. Ir-rata ta' eliminazzjoni mill-plażma ta' canrenone hija ta' 1.45±0.39 l/h/kg u ta' 7α-thiomethyl-Spironolakton hija ta'

Prodott mediċinali li mgħadux awtorizzat

0.89±0.44 l/h/kg. Wara l-għoti mill-ħalq ta' Spironolakton radjotikketat lill-kelb, 70 % tad-doża kienet rikoverata mill-ippurgar u 20 % mill-awrina.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' sustanzi

Essenza taċ-ċanga
Mannitol
Lawrisulfat tas-sodju
Mikrokristallina ċellulosi
Povidone
Sorbitol
Talc
Sterat tal-magnesju

### 4.7 Inkompatibilitajiet

Mhux Applikabbli.

### 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista' jinżamm fuq l-ixkaffa ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin.
Pilloli użati parzjalment għandhom jintużaw fi żmien 7 ijiem.

### 6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandux bżonn ta' l-ebda kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen.
Pilloli parzjalment użati għandhom jinżammu fl-istrixxa oriġinali.

### 6.5 In-natura u l-għamla ta' l-ewwel ippakkjar

Strixxi li fihom 10 pilloli tal-Poliamide/aluminju/polyvinyl chloride//aluminju.

<u>Daqsijiet tal-pakketti</u>

Kaxxa tal-kartun bi 3 strixxi jew 18-il strixxa ta' 10 pilloli

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

## 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Ceva Santé Animale
10, av. de La Ballastière
33500 Libourne
Franza

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

EU/2/07/074/001-006

**9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TA' L-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 20 ta' Ġunju 2007
Data tal-aħħar tiġdid: 22 ta 'Mejju 2012

**10 DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediku veterinarju tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) http://www.ema.europa.eu/.

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux Applikabbli.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**ANNESS II**

**A. L-MANIFATTUR RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

**B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU**

**Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

**D. KUNDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

## A. IL-MANIFATTUR RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott

Ceva Santé Animale
Z.I. Très le Bois
22600 Loudéac
Franza

Catalent Germany
Schorndorf GmbH
Steinbeistrasse 2
D-73614 Schorndorf
Il-Ġermanja

## B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU

Sabiex jiġi mogħti biss bi preskrizzjoni veterinarja.

## Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Mhux applikabbli.

## D. KUNDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Ceva Santé Animale jiżgura li s-sistema ta' farmakoviġilanza, kif deskritta f'Parti I tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, jegħda f'postha u qed tiffunzjona qabel u waqt li l-prodott mediċinali veterinarju jkun fis-seħħ.

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**ANNESS III**

**TIKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKETT**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**A. TIKKETTA**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

Kaxxa tal-kartun ta' flixkun 1 ta' 30 pillola

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Spironolactone Ceva 10 mg pilloli għal klieb
Spironolactone Ceva 40 mg pilloli għal klieb
Spironolactone Ceva 80 mg pilloli għal klieb

Spironolakton.

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Spironolactone 10 mg
Spironolactone 40 mg
Spironolactone 80 mg

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pillola

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

30 pillola

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Għal użu orali.
Qabel l-użu aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett.

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Aqra l-fuljett ta' tagħrif fil-pakkett qabel tuża.

## 10. DATA TA' SKADENZA

JIS: {xahar/sena}
Uża fi żmien xahrejn wara li jinfetaħ l-ewwel darba l-flixkun.

## 11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen pilloli użati parzjalment ġol- flixkun oriġinali.

## 12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Rimi: ara l-fuljett ta' tagħrif.

## 13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA' L-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU, jekk applikabbli

Għal Trattament ta' l-Annimali Biss <għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinarja

## 14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

## 15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Ceva Santé Animale
10, av. de La Ballastière
33500 Libourne
Franza

## 16. NUMRU TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/07/074/007
EU/2/07/074/008
EU/2/07/074/009

## 17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott:

